# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR (GHAWDEX)

## GUDIKATUR : Dr. Grazio Mercieca LL.D.

## Seduta ta' nhar it-Tnejn, 30 ta' Settembru 2002

## Avviz numru : 85/2002 (GM)

**Carmel Attard**

**vs**

**Victor Mariani**

**It-Tribunal;**

**Ra l-avviz tat-talba li jghid hekk:**

**"Peress illi l-attur huwa proprjetarju ta' blokk ta' appartamenti fi Triq in-Nahla, Marsalforn, Ghawdex.**

**Peress illi wiehed minn dawn l-appartamenti inkera lill-konvenut.**

**Peress illi in segwitu ta' din il-kirja ghada dovuta lill-attur is-somma ta' erba' mija u hamsin lira Maltija (Lm450).**

**Peress illi ghalkemm interpella diversi drabi lill-konvenut dan qed jirrifjutaw li jhallsu din is-somma.**

**Peress illi l-attur qed jitlob lill-Qorti tikkundanna lill-konvenut ihallas din is-somma flimkien ukoll ma l-ispejjes ta' dawn il-proceduri u ta' l-ittra interpellatorja datata 15 ta' Marzu 2002 u tal-ittra ufficjali spedita f'Mejju 2002."**

**Ra r-riferta posittiva mnejn jirrizulta li l-konvenut gie debitament notifikat izda la pprezenta risposta u lanqas deher ghas-seduta li nzammet mit-Tribunal fil-25 ta' Settembru 2002 u dik tal-lum;**

**Sema' d-depozizzjoni guramentata ta' l-attur li kkonferma li l-ammont kif pretiz fl-avviz tat-talba ghadu dovut;**

**Ghaldaqstant, peress illi t-talba attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, u wara li ra l-artiklu 13(b) tal-Att V tal-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba tal-attur u ghalhekk jikkundanna lill-konvenut ghall-**

**hlas ta' erba mija u hamsin lira Maltija (Lm450) bl-imghax legali mill-31 ta' Mejju 2002 sad-data tal-effettiv pagament, bl-ispejjez, inkluzi d-dritt tal-avukat li assista lill-attur quddiem dan it-Tribunal, tal-ittra interpellatorja tal-15 ta' Marzu 2002 u tal-ittra ufficcjali ta' Mejju 2002 a kariku tal-konvenut.**

**(ft) Grazio Mercieca**
**Gudikatur**
**(ft) Mary Jane Attard**
**Deputat Registratur**

**Vera Kopja**

**Ghar-Registratur**